**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Il-Ħadd 19 ta' Marzu 2017
It-III Ħadd tar-Randan
Sena A

**Introduzzjoni**
Wasalna fit-Tielet Ħadd tar-Randan u l-liturġija tal-lum tistedinna sabiex ma nibżgħux inwieġbu għall-istediniet tal-Mulej.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Eż 17, 3-7)
Permezz tal-ilma mill-blat, Mosè wera lill-poplu Lhudi li Alla ma jinsa lil ħadd.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 94)
Illum jekk tisimgħu leħen il-Mulej, la twebbsux qalbkom.

**It-Tieni Qari** (Rum 5, 1-2.5-8)
L-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 4, 5-42)
Ġesù Kristu huwa l-vera għajn ta' ilma li tagħti l-ħajja lil kull min iduq mill-ilma tagħha.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien "Glorja u tifħir lilek, Kristu!".

**Offertorju**
F'dan il-mument tal-offertorju ser inroddu ħajr lil Alla għad-doni kollha li jagħtina kontinwament fil-ħajja tagħna.
Ejjew inressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, filwaqt li nkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Kull min jixrob mill-għajn tal-ħajja li joffrilna Ġesù Kristu jgħix għal dejjem. L-Ewkaristija li ser nirċievu f'dan il-mument għażiż tagħtina din il-garanzija.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.